



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10745/19

LIMITE

ENER 397
WTO 190
FDI 20

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, sa fejn dan jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-15 ta' Lulju 2019

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar il-modernizzazzjoni
tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, sa fejn dan jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi jenħtieġ li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-Unjoni fin-negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tidħol, fisem l-Unjoni, f'negozjati dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, sa fejn dan jaqa' taħt il-kompetenza tal-Unjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tmexxi n-negozjati abbażi tad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill li jinsabu fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

Id-direttivi ta' negozjati ma għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jaffettwaw, b'xi mod, il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom isiru f'konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija u mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Servizzi u Investiment), u skont il-proċedura stabbilita fl-Addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
